# Biex terga ssir il-kolonna ghada unur il-Gvernatur Ponsonby

1 message

**Nicholas Grech** <nicho.grech@gmail.com> Tue, 17 Feb 2026 at 16:43
To: ghrc@gov.mt, mario.coleiro@gov.mt, stefan.zrinzo-azzopardi@gov.mt

Grand Harbour Regeneration Corporation,
Ryan Fava, Chairman GHRC,
Gino Cauchi, CEO GHRC,
Membru fil-Board tal-GHRC, Mario Coleiro,
Minister for European Funds and the Implementation of the Electoral Programme, Stefan Zrinzo Azzopardi,

Rigward ir-rigenerazzjoni tal-Port il-Kbir, issemma' jiem ilu lift in-naha tal-Mandragg li qed isir ghall-port l-iehor, dak ta' Marsamxett. Fid-dawl li anki din ix-xaqliba qed tigi inkluza f'din ir-rigenerazzjoni, nissuggerixxi li terga ssir il-kolonna ghad unur il-Gvernatur Ponsonby.

Din kienet saret fl-1838 izda f'temp ta' 25 sena, intlaqtet minn sajjetta u ntilfet f'Jannar 1864. Il-bazi taghha li salvat, giet mehuda fl-1888 fil-gnien ta' Hastings. Flokha ntrama kanun li l-pedamenti tieghu ghadhom hemm, fil-Bastjun ta' Sant'Andrija, ftit qabel tasal ghall-imsemmi lift. Din il-kolonna forsi tista' ssir mill-gdid minflok fejn gie nsallat dan il-lift ftit 'l boghod, fuq ix-xaqliba l-ohra, fl-istess Bastjun tas-Salvatur. B'hekk la jintilef dak li ghandu x'jaqsam mal-kanun, u daqstant din il-kolonna, bhalma kienet fuq il-lemin ta' dak il-Bastjun ta' Sant'Andrija, tigi minflok fuq il-lemin tal-Bastjun iehor li jmiss tas-Salvatur, u jkun qed jimtela vojt li hemm f'din il-parti, tikkumplimenta l-lift fuq in-naha l-ohra.

Il-bazi tal-kolonna li llum hemm f'Hastings taf ahjar tibqa' fil-post minhabba li ghandha marki ta' shrapnels li sofriet fi zmien il-gwerra u allura daqstant rabtet posta m'hemm fejn garbithom. Il-bazi allura kieku ssir mill-gdid replika bl-iskrizzjoni u bit-tarag b'kollox. Il-kolonna b'70 pied gholi, qisu 7 sulari, daqstant tigi attrazzjoni u landmark iehor fuq din ix-xaqliba tal-Belt, fejn sallum ghandhekk l-iskyline ddominata mil-koppla tal-Knisja tal-Karmnu u mil-Kampnar tal-Knisja tal-Anglikani li jghola xi 200 pied, b'hekk din il-kolonna kieku tigi qisu terz tieghu.

Dan il-Gvernatur Frederick Cavendish Ponsonby gie mahtur Gvernatur fit-22 ta' Decembru 1826, biex imbaghad jidher li ha postu minn Frar ta' wara. Ghalhekk din is-sena jkun jahbat l-200 anniversarju mil-hatra ta' dan il-Gvernatur. Dan jidher li tant rabat qalbu ma pajjizna, li darba lahaq, iz-zewg ulied ohra li kellu tahom ismijiet b'rabta mal-Belt (Valette) u ma Malta (Melita).

Inzerta fiz-zmien li kien lahaq Gvernatur, fil-Mosta kienu qed jahsbu biex tinbena Knisja akbar. Dik li kien hemm kienet saret zghira ghal madwar 4,000 parruccan u bi skuza li anki kienet fi stat hekk perikoluz li tiggarraf, kienu kitbu lill-istess Gvernatur biex itihom xi artijiet u bicca minn triq pubblika li kien hemm bzonn jittiehdu, u biex anki jevitalhom li jhallsu pizijiet / taxxi ghal dan. Il-pjanta ta' Knisja tonda u kontra n-norma, kienet sabet oppozizzjoni qawwija mill-istess Isqof Frangisk Saverju Caruana, izda l-Gvernatur li emmen bis-shih f'dik il-bidla, ghenhom kemm felah biex tintghazel dik il-pjanta li kien hareg biha Grognet. Kien anki waqqaf Kummissjoni w involva nies tas-sengha u nginiera biex jevalwaw jekk tali knisja b'tali koppla ta' tant il-kobor qattx setghet tinbena bil-gebla lokali tal-franka, u ghajr xi tibdiliet zghar, il-pjanta ghaddiet. Meta gew ghac-cerimonja tat-tqeghid tal-ewwel gebla, l-Isqof urtat sab skuza biex ma jattendix, imma mhux l-istess dan Ponsonby li laqa' l-istedina u onora l-Mosta bl-attendenza tieghu fejn kien intramalu ark trijonfali ghall-okkazjoni. Daqstant jidher li ghenhom kemm b'ghodod u makkinarju u kien anki gieli jghaddi jzur il-lant tax-xoghol. B'hekk li mhux ghax kien ghal dan il-Gvernatur li ta dik l-imbuttatura tal-bidu, kieku llum taf fil-Mosta hemm minflok xi knisja medjokri u ripetizjoni tas-soltu, flok il-monument ta' knisja unika li ghamlet unur mhux biss lill-Mosta imma anki lil Malta. B'hekk din il-kolonna tkun apprezzament u tifkira ta' li sar bis-sahha ta' dan il-Gvernatur, kienx il-Mosta jew band'ohra, u daqstant tifkira ta' hwejjeg ohra li taf saru bil-hila tat-tmexxija tieghu.

Imma mhux biss. Fl-imblokk tal-Francizi, fl-inhawi taht l-imsemmija swar u fejn hemm il-Bieb li mix-xatt ta' Marsamxett idahlek fil-Belt, kienu nqabdu numru ta' Maltin, li flimkien ma Dun Mikiel Xerri spiccaw gew maqtula mill-Francizi aktar tard fis-17 ta' Jannar 1799. Minn dawn it-43 ruh, 16 minnhom kienu mil-Mosta, bil-Mosta tkun ir-raħal li l-aktar hallas prezz gholi f'din it-tragedja(aktar minn terz tal-vittmi, 37.2%), minn popolazzjoni ta' Malta bi 3.18% biss li kienu Mostin (cioe l-prezz t'imwiet kien t'ghaxar darbiet aktar). B'hekk din il-kolonna mhux biss tkun qed tonora Gvernatur li bis-sahha tieghu gawdiet tant il-Mosta (tghid kien ghen tant lill-Mostin b'apprezzament ghalli tant sofrew mat-tliet dicennji qabel?), imma wkoll indirettament sforz din il-konnessjoni bejn Ponsonby u l-Mosta, tkun qed tonora lil dawk il-Mostin li biex jehilsu lil Belt u l-inhawi mill-Francizi, spiccaw kellhom ihallsu b'hajjithom u bi prezz sproporzjonat, monument iehor ghall-vittmi tal-Francizi, flimkien ma dak ta' Pjazza Indipendenza fil-Belt ftit passi boghod, u appuntu tkun kolonna propju ftit passi boghod minn fejn kienu nqabdu dawk it-talin Maltin bil-Mostin b'kollox.

B'hekk ukoll fuq din ix-xaqliba tal-Belt, apparti din il-kolonna ta' Ponsonby, ikun hemm x'tara l-bazi tal-kanun li kien sar flok il-kolonna originali, u l-Bieb ta' Marsamxett li kollha jorbtu wiehed ma l-iehor, apparti li darba tohrog mill-imsemmi Bieb / Sally port, tara wkoll parti mill-istorja miktuba fil-Bastjun fil-hnejja fis-swar li kellha tkun id-dhul ghax-xwieni fil-Mandragg, fost tant storja ohra.

Bhalma bil-monument tal-knisja tal-Mosta bl-imbuttatura tal-Gvernatur Ponsonby ma gawdex biss il-Mostin imma Malta kollha, bhalma bil-prezz ferm ghola tal-Mostin fl-imblokk tal-Francizi daqstant gawdew il-Maltin kollha, daqstant bil-monument kolonna mwaqqaf mill-gdid ghad unur dan it-twajjeb il-Gvernatur Ponsonby, ma tkunx qed tgawdi biss il-Belt u l-port ta' Marsamxett b'monument iehor u uniku fix-xorta tieghu, imma l-immagini ta' Malta u l-Maltin kollha.

Nicholas Grech
I.D. no. 435076M